MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Numru. 523/2010

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Lawrence Schembri, iben Anthony, imwieled Pieta' fid-29 ta' Jannar, 1987, Karta ta' l-Identita numru 75887(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u id-9 ta' Mejju, 2009, filwaqt li kien fil-fond numru 19, 'Maria Bambina', Triq il-Ħabs l-Antik, l-Isla ikkometta serq ta' diversi oġġetti tad-deheb, tal-valur ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) għad-dannu ta' Maria Maddalena Bonello, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi seduta stante l-imputat ikkonsenja ‘bills payable’ ta’ €2,500 lill-parte ċivile li invista ta’ dan il-pagament għas-saldu tal-oġġetti misruqa ddikjarat li qed tirrinunzja għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Krimminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas dak kollu dovut, għandu fedina penali netta u għamel ammissjoni bikrija.  Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ ħmistax (15) il-xahar priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------